MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-10 ta' April, 2007

Numru 290/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Tonna)**
**vs**
**Twanny Mifsud**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Twanny Mifsud** ta’ 33 sena, bin Joseph u Maria Lourdes nee’ Vella, imwieled Pieta’ fl-24 t’Awissu, 1974, residenti gewwa 60, Triq it-23 t’April, Qormi u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 399974(M);

Talli fit-8 t’April, ghall-habta tal-11.30pm gewwa Pjazza San Pawl, il-Hamrun, u kif ukoll gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, nhar id-9 t’April, 2007, ghall-habta tas-1.00pm;

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hekk ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew t'ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u cioe' fuq il-persuni ta' PS 860 K. Caruana, PC 275 T. Dimech, PC 1227 Malcom Pace, PC 1588 J. Bonnici, PC 94 J. Farrugia u PC 1535 E. Cachia, ai terminu tal-artikoli 92 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u kif ukoll gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew jbezzgha fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni tal-istess ufficjali tal-pulizja imsemmija fl-akkuzi hawn fuq u dan ai terminu tal-artikoli 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u kif ukoll gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma helliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita' kienu ghamlu, u dan ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha u dan ai termini tal-artikolu 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. aktar talli nhar it-8 t'April, 2007, fil-hinjiet ta' wara l-10.00pm soqt vettura JBI-183 fl-inhawi ta' tal-Pieta' u

Hamrun f'postijiet pubblici minghajr ma kont fi stat li ssuq minhabba li kont taht l-influenza ta' xorb alkoholiku jew wara li ikkunsmajt alkohol, dan ai terminu tal-artikolu 15(a) u 15(b) tal-kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. aktar talli nhar it-8 t'April, 2007 fil-hinijiet ta' wara l-11.00pm gewwa l-kwartieri generali tal-Pulizija irrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs ghall-test tan-nifs meta mehtieg li jaghmel hekk skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15(c) wara li gejt avzat u ghalhekk ikkunsidrat li ikkomettejt reat u dan ai terminu tal-artikolu 15(d) tal-kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. aktar talli gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun bil-qerq holoq jew giel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza ikunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra l-imsemmija membri tal-korp tal-Pulizija bil-hsieb li b'hekk dawn l-ufficjali pubblici jkunu jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta' reat, billi ddenunzjajt quddiem l-Ispettur Mario Tonna reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jibdew proceduri kriminali sabiex jisguraw li dak ir-reat kien sar u dan ai terminu tal-artikolu 110 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

9. aktar talli gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun bil-hsieb li ittellef il-gieh jew tnaqqas il-gieh ta' l-ufficjali tal-pulizija msemmija fl-akkuzi hawn fuq billi b'kitba b'disinji jew b'xi mod iehor immalafamajthom u dan ai terminu tal-Artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

10. nakkuzah ukoll illi matul l-ahhar xhur zamm fil-pussess tieghu munizzjon u cioe' 'skratac' minghajr licenzja tal-kummissarju tal-pulizija jew f'post pubbliku u dan ai terminu tal-artikolu 3 u 5 tal-kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. il-Qorti hija gentilment ukoll f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija ufficjali pubblici tal-Korp tal-Pulizija u ta' l-persuni ohra imsemmija kif jidhrilha xieraq skond l-artikolu 383 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-avukata generali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni fuq l-akkuzi kollha hlief ghal dik ravvizata fl-artikolu 96 Kap. 9 fl-ewwel paragrafu, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha hlief tal-akkuza ravvizata fl-artikolu 96 tal-Kap 9 u dan stante li ma ngiebux provi dwarha;

Rat l-artikoli 92, 95, 338 (ee), (dd), 342, 110 u 252 tal-Kap 9, 15A, 15B, 15C u 15D tal-Kap 65, 3 u 5 tal-Kap 480;

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat u ghalhekk il-Qorti tqis illi piena karcerarja mhix addattata fic-cirkostanzi u qed tipprevali ruhha mid-dispost tal-artikolu 21 tal-Kap 9 u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ Lm500.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-munizzjon esebit

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------